**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 43**

14 ta' Frar 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa. Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi awgurat lill-Monsinjur Dun Richard Borg għall-kariga l-ġdida tiegħu u rringrazzjatu tax-xogħol kollu li għamel fil-parroċċa matul is-snin ta' servizz tiegħu. Hija awgurat ukoll lill-Arċipriet il-ġdid, il-Wisq Rev. Dun Charles Cini, u xtaqitlu l-ħidma t-tajba. Il-

Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din l-istqarrija. Il-Viċi Sindku VB propona li l-Kunsill jistieden lill-Arċipriet il-ġdid fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

**43.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

43.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**43.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

43.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tnejn u erbgħin (42) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

43.2.2. Il-Kunsillier JAE ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 41.2.10 li għandha taqra "it-tabella tal-lokalita' li qegħdin nitolbu biex titwaħħal maġenb il-Grand Hotel Excelsior"

43.2.3. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, AD, DSH, JAE, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

43.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 41.2.11 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-laqgħa mal-Pulizija. Is-Sindku wieġbet li l-laqgħa kienet intalbet u kienet għadha qed tistenna risposta.

43.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 41.2.12 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta rigward ir-riġenerazzjoni tal-lokal. Is-Sindku qalet li s'issa ma kienx għad hemm risposta u li kienet bagħtet tfakkira.

43.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 41.2.16 u ppropona li tintbagħat ittra lill-għaqdiet biex il-Kunsill iħeġġiġhom jipparteċipaw fil-kampanja Qalb Furjaniża Qalb Ħanina. Is-Sindku qalet li għandha tissejjaħ laqgħa mal-għaqdiet fil-jiem li ġejjin u għalhekk proponiet li l-komunikazzjoni ssir dakinhar.

43.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 41.5.2 rigward it-toqba li hemm fis-subway ta' quddiem ir-ROCS u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku wieġbet li din kienet ġiet mgħottija mill-Cleansing Department u kienu qed jistennew li din titwaħħal. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira minħabba li kien informat li kienu qed joħorġu xi ġrieden minn din it-toqba.

43.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 41.14.4 u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex xi ħaġa rigward il-proġett tal-biċċa t'isfel ta' Ġnien Herbert Ganado. Is-Sindku qalet li kienet informata li x-xogħolijiet li kien hemm stabbiliti kienu kompluti u li kienu qed jaraw minn fejn jistgħu iġibu fondi sabiex jitkompla x-xogħol fuq il-biċċa l-oħra mill-ġnien.

43.2.9. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 41.2.7 u staqsa jekk kienx hemm risposta fuq it-talba mressqa mill-Foreign Affairs. Is-Sindku nformat li l-Kunsill kien wieġeb u nforma li kien qed jimxi mar-regolamenti ta' Transport Malta, u s'issa ma kienx hemm oġġezzjoni.

43.2.10. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-konfini tal-lokalita u żied jgħid li skont Transport Malta, il-konfini tal-Floriana jitilgħu iktar 'il fuq lejn Triq Ġlormu Cassar.

43.2.10.1. Il-Kunsillier JAE qal li l-bus stops ta' Transport Malta mhux dejjem ikunu mmarkati bil-lokalita t-tajba.

43.2.10.2. Is-Sindku DSH qalet li anke l-Pulizija kellhom konfini differenti għal-lokalita. Is-Sindku żiedet tgħid ukoll li minn riċerka li kienet qed tagħmel ġie ssuġġeriet li l-Kunsill imur lura għaż-żmien li ġiet iffurmata l-parroċċa.

43.2.10.3. Il-Kunsillier AGS qal li l-Kunsill għandu jmur lura għal żmien l-Ingliżi. Huwa qal ukoll li għall-Pulizija, iż-żona tat-Tritoni tiġi rappurtata bħala Floriana. Is-Sindku DSH qalet li temmen li dan kien mod ta' interpretazzjoni tal-Pulizija li jinzerta jkun xogħol.

43.2.11. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 41.17.3 u staqsa jekk kienitx intbagħtet korrispondenza lis-Sur Pulé. Is-SE kkonfermat li l-ittra kienet intbagħtet.

43.2.12. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-laqgħa straordinarja (42) tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

43.2.13. Il-Kunsillier AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (AD, VB, DSH, JAE, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 43.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

43.3.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għax-xogħol urġenti li sar riċenti fuq il-*culvert* fi Triq San Publju. Hija informat li l-Kunsill kien informa lis-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis kif ukoll lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li x-xogħol kien tlesta. Il-Kunsillier JAE qal li għandha tibqa' ssir pressjoni meta jiġu mtella l-attivitajiet sabiex ma ssirx ħsara fuq dawn il-culverts ġodda li saru u fuq iż-żona tal-madwar.

43.3.2. Is-Sindku DSH qalet li tlestiet ukoll in-naħa t' isfel ta' Triq John Lopez u li l-Kunsill kien applika għall-fondi eliġibbli mir-Reġjun Xlokk.

43.3.3. Is-Sindku DSH informat li l-Kunsill kien kiteb lis-Surmast tal-iSkola Primarja, is-Sur Stephen Miceli dwar l-għeluq ta' Triq San Tumas matul il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal. Is-Sindku qalet li hu kien wieġeb permezz ta' email fit-12 ta' Jannar 2018 li formalment ma kienx fil-kompitu tiegħu li jassigura dak mitlub mill-Kunsill f'dawn il-ħinijiet. Il-Kunsill innota r-risposta u kkonferma li l-Kunsill kien għamel kull ma seta' rigward is-sitwazzjoni.

43.3.4. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kien hemm talba biex jitwaħħlu żewġ *street lighting* ġodda fi Triq San Tumas c/w Triq il-Kapuċċini / Triq San Franġisk u fi Triq San Franġisk c/w Triq is-Suq / Triq Pietro Floriani. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

43.3.5. Il-Kunsillier JAE ippropona li jiġi nstallat iktar dawl fit-Telgħa tal-Kurċifiss fejn hemm in-niċċa minħabba li kellu rapporti li ma kienx hemm biżżejjed dawl. Il-Kunsillier AD wieġeb li dawn id-dwal kienu ġew irranġati riċentement.

43.3.6. Il-Kunsillier AGS għamel riferenza għas-sitwazzjoni tat-traffiku fit-Telgħa tal-Kurċifiss u qal li hemm bżonn jiżdied id-dawl f'dik iż-żona wkoll. Is-SE wieġbet li kienet bagħtet korrispondenza rigward ir-roundabout u kienet qegħda tistenna risposta.

43.3.7. Is-Sindku DSH qalet li kienet iltaqgħet mal-persuna li kienet talbet iktar cat cafés f'Belt is-Sebħ. Il-Kunsill qabel li jordna żewġ cat cafés oħra, waħda għall-Beltissebħ u l-oħra għal xi żona oħra fil-lokalita.

*43.3.8.* Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-proposta tad-dog park. Is-Sindku DSH qalet li kienet iltaqgħet mad-Dipartiment tal-'Parks' fejn ġie determinat li ser ikun hemm bżonn tintuża *fence* għolja. Intant dan ma kienx ser ikun awtoriżżat mis-Sovrantendenza tal-Wirt Kulturali li żgur kienet ser toġġezzjona għat-twaħħil tal-*fence* mas-swar.
Għalhekk ġiet ssuġġerita żona li tinsab bejn Bieb il-Bombi u l-Funtana tal-Iljun, direzzjoni lejn il-Floriana. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien kiteb lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex jistaqsi lil min tappartjeni ż-żona proposta.

## 43.4 RAPPORTI

43.4.1. Il-Viċi Sindku VB informa li matul l-aħħar laqgħa li nżammet tar-Reġjun Xlokk, kienu ġew informati li kien ser jiġi ppubblikat magazine b'informazzjoni fuq kull kunsill.

43.4.2. Il-Viċi Sindku qal ukoll li kienu nfurmati li fl-ewwel ġimgħa t'April, il-Kunsill kien ser ikollu tliet ħaddiema tal-IPSL sabiex jassistuh fil-ħidma tiegħu.

## 43.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

43.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal diversi ilmenti rigward il-parkeġġ matul l-attivitajiet tal-Karnival u staqsa jekk il-Kunsill kienx informat b'dawn l-arranġamenti. Is-Sindku qalet li l-Pulizija kienu waħħlu t-tabelli tan-no parking minn qabel. Il-Kunsillier JAE talab li l-Kunsill jinsisti li dawn is-sinjali jitwaħħlu minn tal-anqas jumejn qabel sabiex jiġi evitat l-inkonvenjent għar-residenti.

43.5.2. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-permessi tax-xogħol li jinħarġu mill-Kunsill u b'mod partikolari għal meta jingħata permess biex jingħalqu xi toroq. Huwa qal li l-Kunsill m'għandux japprova permessi li jinkludu l-għeluq ta' xi triq matul attivitajiet simili għal tal-Karnival minħabba li diġà jkun hemm biżżejjed konfużjoni u ġeġwiġija fit-traffiku

43.5.3. Il-Kunsillier JAE qal ukoll li kien informat li matul l-attivitajiet tal-Karnival, it-trasport pubbliku mhux dejjem kien qed jieqaf fil-Floriana u li ġieli baqgħu għaddejjin. Is-Sindku qalet li normalment isir *bus stop* temporanju meta tkun magħluqa Triq Sarria. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill għandu jieħu in konsiderazzjoni dan l-ilment fil-laqgħat mal-organizzaturi mhux biss tal-Karnival iżda anke t'attivitajiet oħra.

43.5.4. Il-Kunsillier AGS staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-Bażi Marittima f'Haywharf. Is-Sindku qalet li l-Ministru Owen Bonnici kien għadda l-ilment lill-Ministru Michael Farrugia. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Ministru Farrugia.

43.5.5. Il-Kunsillier AGS għamel riferenza għall-inċident li seħħ nhar it-Tnejn li għadda fejn kien indaqq innu tal-futbol matul il-Karnival. Is-Sindku DSH qalet li hi kienet kitbet lill-Kumitat dwar dan. Il-Kunsillier AGS qal li hemm bżonn li l-liġi tiġi nfurzata biex każijiet bħal dawn ma jirrepetux ruħhom. Is-Sindku qalet li l-Pulizija kienu ħadu azzjoni mill-ewwel u li kienu għamlu dak kollu possibbli. Il-Kunsillier JAE qal li l-provokazzjoni hija ħażina f'kollox u li jkun aħjar li wieħed jieħu prekawzjonijiet fejn jista'.

43.5.6. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi risposta rigward il-masġar tal-Ġublew. Is-Sindku qalet li sa dakinhar ma kienx hemm risposta.

43.5.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-attivitajiet ta' tindif li saru riċentement fil-masġar u rringrazzja lill-Malta Clean Up tax-xogħol tagħhom.

43.5.7.1. Huwa qal li kien ġie nformat li fiż-żona tal-masġar hemm ammont ta' annimali endemiċi li huma l-*algerian whipsnake* u l-*western whipsnake*. Huwa qal li kien informat ukoll li hemm annimali oħra bħalma huma il-*moorish ghecko, turkish ghecko, maltese wall lizard, skunks,* fniek slavaġ, friefet u anke friefet-il lejl. Huwa ppropona li din l-informazzjoni tgħaddi lill-Ministru konċernat.

43.5.7.2. Is-Sindku qalet li l-organizzatriċi tal-Malta Clean Up kienet ser tiltaqa mal-Ministru hi u probabbli kienet ser tgħaddilu din l-informazzjoni hi.

43.5.7.3. Il-Viċi Sindku VB qal li dawn l-annimali kienu ser jitgerrxu jekk isir il-proġett propost f'dan il-masġar. Il-Kunsillier JAE qal li ma jaqbilx ma' dan minħabba li l-park ma kienx ser jaffettwa l-fawna. Huwa qal li dan il-masġar diġà jiġi frekwentat minn nies, iżda għal raġunijiet ħżiena minflok tajbin.

43.5.7.4. Is-Sindku DSH qalet li fil-laqgħa mal-Ministru Herrera, huma kienu nformaw li l-proġett kien f'moħħhom u għalhekk qalet li għandu jingħata ċans biex dan il-proġett jinħadem b'mod tajjeb.

43.5.8. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għal tabella ta' *no left turn* li kien hemm fi Triq l-Iljun. Huwa qal li din it-tabella kienet tneħħiet wara xi inċident u għalhekk propona li din terġa titwaħħal. Il-Kunsill qabel li t-tabella titwaħħal fuq arblu fuq il-bankina u f'post fejn tkun iktar viżibbli.

43.5.9. Il-Viċi Sindku VB qal li hemm xi tabelli tat-traffiku li kellhom bżonn jinbidlu minħabba li kienu sfumaw. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jibda jirranġa dawn it-tabelli ftit ftit.

43.5.10. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar it-tabelli tal-Floriana Heritage Trail. Is-SE wieġbet li kienet għadha qed tistenna risposta mingħand uħud mill-kunsillieri. Is-Sindku DSH ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex ifittxu jibgħatu r-risposti tagħhom. Hija tat ċans sal-aħħar tal-ġimgħa u informat li f'każ li ma jkunx hemm risposta, allura l-Kunsill għandu jipproċedi bis-suġġerimenti li jkun hemm sa dakinhar.

43.5.11. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal-locality map tat-Telgħa tal-Kurċifiss li kienet imkissra u qalet li kienet ġiet ordnata locality map ġdida.

## 43.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;

43.6.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 43.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

43.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 37/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

43.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

**43.8 MOZZJONIJIET;**

**MOZZJONI 1**

*Jiġi nnotat illi jista' jsir sforz akbar lokali billi tiġi ntrodotta sistema ġdida kif jinġabar ċertu skart biodegradable għal-ġid tal-lokal. Din l-inizzjattiva (composting) tista' tibda mill-iskola u forsi minn xi entitajiet li jaħdmu fil-Floriana, u dan ikun l-ewwel pass biex il-ħamrija fil-ġonna tal-Floriana ssir aktar b' saħħitha b' mezzi naturali u b'xejn. Il-Floriana mimlija ġonna u dawn jagħmlu ġid kbir lill-ħamrija. Permezz t' hekk jiżdied l-għarfien tal-ġid li jinħoloq minn materjal mormi li għandu jnaqqas il-volum tas-skart 'mormi'. Tista' tintalab għajnuna minn xi entita relatata biex dan l-eżerċizzju jibda' fil-prattika kif fil-fatt qed isir f' bosta bnadi.*

*(Proponent – James Aaron Ellul, Kunsillier)*
*(Sekondant – Anthony Grech Sant, Kunsillier)*

Il-Kunsillier JAE qal li l-lokalità għandha l-ikbar ammont ta' ġonna f'Malta u li għalhekk tkun ideja tajba li b'ko-ordinazzjoni ma' entitajiet oħra, titwettaq din l-inizjattiva. Is-Sindku DSH qalet li hi ma taqbilx minħabba li sfortunatament, il-lokalita għadha lura a kwantu ta' kunċett ta' riċiklaġġ u għalhekk ma taħsibx li tali inizjattiva tkun ta' suċċess. Hija qalet li l-ko-operazzjoni kienet nieqsa mhux biss mir-residenti imma anke minn entitajiet li hemm fil-lokalita.
Il-Viċi Sindku VB qal li kien qed isir *pilot project* simili f'ċertu lokalitajiet u jinsab informat li kien hemm xi lokalitajiet li kellhom iwaqqfu dan il-proġett minħabba ammont kbir ta' skart li beda' jiġi ġenerat.
Is-Sindku DSH qalet li tali inizjattiva għandha ssir mil-Gvern u titwettaq b'mod olistiku. Barra minn hekk, composting bins iridu jiġu mpoġġija 'il bogħod min-nies peress li jiġġeneraw irwejjaħ u insetti.
Il-Viċi Sindku VB qal li hemm ukoll problema ta' spazju. Il-Kunsillier JAE qal li l-iskola għandhom biżżejjed spazju.
Il-Kunsillier AD qal li l-idea kienet tajba iżda tali inizjattiva trid issir bi sforz kombinat.
Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill għandu jitlob lill-entitajiet tal-Gvern sabiex jgħinu lill-Kunsill jeduka lir-residenti tiegħu. Is-Sindku qalet li kienu ġew imnedija diversi kampanji biex jedukaw il-poplu u kien ingħata biżżejjed ċans biex il-poplu jiġi edukat. Hija qalet li l-unika soluzzjoni li tara hija li jerġgħu jiġu introdotti l-*Eco-wardens.*
Il-Kunsillier JAE propona li l-Kunsill jikteb lis-Segretarju Parlamentari li qed imexxi il-mozzjoni u jinformah bil-problema li qed taffaċċja l-lokalita. Is-Sindku DSH qalet li hi kienet diġà tkellmet miegħu u anke ma' membri parlamentari oħrajn fejn insistiet li l-liġi tibda tiġi infurzata iktar.

Wara l-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u ssekondata mill-Kunsillier AGS, ittieħed vot favur din il-mozzjoni, bir-riżultat ikun:

Favur: 2 (JAE, AGS)
Kontra: 3 (DSH, VB, AD)
Astensjonijiet: 0

**MOZZJONI 2**

*Qed titressaq mozzjoni in segwitu ta' proposta li kienet fil-Manifest tal-Partit Nazzjonalista għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali tal-2015, cioe' dwar il-possibbiltà ta' Dar tal-Anzjani ġdida kif ukoll Day Care Centre għall-Furjaniżi fil-bini fejn illum hemm id-Dipartiment tal-Eżamijiet biswit il-Mall.*

*(Proponent – James Aaron Ellul, Kunsillier)*
*(Sekondant – Anthony Grech Sant, Kunsillier)*

Il-Kunsillier JAE preżenta l-pjanti relatati ma' din il-mozzjoni. Huwa qal li l-proġett propost kien jinkludi li ċ-ċentru jilqa' madwar mitt persuna mal-ġurnata u jikkonsisti wkoll f'sitta u ħamsin sodda. Il-Kunsillier JAE qal li dan iċ-ċentru ser jgħin lil dawk l-anzjani li jsibuha diffiċli jgħixu għal rashom u li l-ħsieb hu li dan ikun speċifikament

għall-Furjaniżi. Il-Kunsillier AGS qal li l-proġett kien immirat għan-nies tal-Floriana u għalhekk m'ghandhiex tkun kwistjoni politika.

Il-Viċi Sindku VB qal li l-Gvern Ċentrali, jekk jimxi fuq dan il-proġett, mhux ser jimmira ċentru għall-Furjaniżi biss iżda jkun immirat għal kulħadd. Il-Kunsillier JAE qal li din il-proposta kienet saret fl-2015 bil-ħsieb li jipprovaw idaħħlu idea oħra.
Is-Sindku qalet li hi kienet tkellmet mas-Segretarju Parlamentari Agius Decelis li nformaha li kienu qed jesploraw l-idea li titkabbar id-Dar tal-Anzjani eżistenti. Hija proponiet li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li titkabbar id-dar li diġa hemm. Il-Viċi Sindku VB irrimarka li forsi jittellgħu żewġ sulari. Is-Sindku saħqet ukoll li kellha laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Agius Decelis flimkien mal-Floriana Senior Citizens u offriet li ssir day centre fil-bini tad-Dar tal-Kunsill.
Il-Viċi Sindku VB wera l-ħsibijiet tiegħu għall-fatt li l-mozzjoni oriġinali kienet tressqet bi proposta li tali proġett isir mil-privat. Huwa qal li dan ifisser li r-residenti jridu jħallsu ħafna aktar biex ikunu jistgħu jattendu dan iċ-ċentru. Il-Kunsillier JAE qal li kien għalhekk li hu semma li l-proġett isir mill-gvern u mhux mil-privat.
Il-Kunsillier JAE qal ukoll li jekk jinbnew iktar sulari fuq id-dar tal-anzjani, ser tkerraħ estetikament kif ukoll tagħti lok għal iktar għoli fil-bini. Huwa qal ukoll li d-Dar tal-Anzjani se tiġi b'ħames sulari filwaqt li jekk tinbena Annex Building il-bini se jiġi bi tliet sulari. Is-Sindku DSH qalet li anke jekk tinbena l-Annex House, ser ikun hemm ilmenti mir-residenti tal-madwar u bini għoli fi Ġnien il-Mall.
Is-Sindku DSH qalet li jkun aħjar li kieku din iż-żona tiġi kkunsidrata għal proġett ta' housing.

Wara diskussjoni, is-Sindku DSH ressqet kontromozzjoni sabiex il-kunsill ikompli jenfasizza mal-Gvern Ċentrali li d-dar tal-anzjani eżistenti hija żgħira wisq u għalhekk għandhom ikomplu t-taħdidiet biex din id-dar titkabbar biex jgħinu iktar nies isibu mistrieħ f'din id-dar. Minbarra dan, il-Kunsill għandu jibqa jenfasizza li f'din id-dar tal-anzjani jingħataw prioritajiet lill-Furjaniżi. Din il-kontromozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku VB. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 3 (DSH, VB, AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 2 (JAE, AGS)

Ittieħed vot favur il-mozzjoni oriġinali proposta mill-Kunsillier JAE u ssekondata mill-Kunsillier AGS, bir-riżultat kien:

Favur: 2 (JAE, AGS)
Kontra: 3 (DSH, VB, AD)
Astensjonijiet: 0

**Nota: 18:20 Il-laqgħa ġiet sospiża.**
**18:32 Il-laqgħa tkompliet.**

**43.9 OFFERTI PUBBLIĊI;**

43.9.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar u qalet li fis-snin preċedenti kienet tinħareġ sejħa għal esklussivita ta' bejgħ ta' ikel u xorb. Hija qalet li din is-sena dan mhux ser ikun possibbli minħabba li l-bidla fir-regolamenti l-ġodda tistipula li trid tinħareġ *concession* . Is-Sindku qalet li apparti l-ispiża għall-Kunsill, ma kienx għad hemm ċans biex tinħareġ din il-*concession*.

43.9.1.1. Wara li kkunsidra l-alternattivi, il-Kunsill qabel li għal din is-sena biss, ma joħroġx sejħa għal esklussivita u li l-bejgħ ta' ikel u xorb matul il-festival jitħalla liberu.

43.9.1.2. Is-Sindku DSH qalet li tittama li l-Kunsill jingħata risposta f'qasir żmien rigward il-*concession* tal-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

43.9.2. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienu ntalbu kwotazzjonijiet għat-tiswija tal-piċċ sintetiku. Is-SE preżentat il-kwotazzjonijiet li ġew riċevuti. Il-Kunsill qabel li għandu l-ewwel jiċċekkja min kien il-kuntrattur li għamel il-proġett oriġinali qabel ma jieħu deċiżjoni.

43.9.3. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal sitwazzjoni ta' resident li joqgħod fi Pjazza San Kalċidonju li talab soluzzjoni biex ikollu aċċess faċli bil-*wheelchair*. Is-Sindku DSH qalet li ma setgħetx issir *keep clear* u wara li tkellmet mal-KNPD huma kien ssuġġerew sistema ta' *wheel stoppers* sabiex il-vetturi pparkjati jaslu biss sa tarf il-bankina ta' quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li jipproċedi u li għandu jmur għall-itwal *wheel stoppers*.

## 43.10 KORRISPONDENZA

### 43.10.1 FONDI – ŻONI KUMMERĊJALI JEW TURISTIĊI

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li nformaw li kienu għaddew fondi addizzjonali ta' €10,000 lill-Kunsill, li qed jingħataw lil lokalitajiet li huma kkunsidrati żoni kummerċjali jew turistiċi.

### 43.10.2 IL-MONTI TAL-ĦADD

Is-SE informat lill-Kunsill b'talba mingħand persuna li xtaqet tarma fuq il-monti tal-Ħadd. Is-SE informat li tali materja kienet diġà qamet mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġie diskuss il-fatt li l-Kunsilli ma kienu qed jibbenefikaw bl-ebda mod mill-armar tal-monti. Hija qalet li biex il-Kunsill jillimita l-abbuż, seta' jibgħat uffiċjal minn tiegħu sabiex jieħu nota ta' nies li kienu qed jarmaw bla permess iżda qalet li ma kienx ġust li l-istaff amministrattiv jiġi espost għal sitwazzjonijiet bħal dawn.

Il-Kunsillier AGS qal li kien innota li Ta' Qali jkun hemm gwardjani lokali jiċċekkjaw il-permessi. Is-Sindku staqsiet jekk dawn il-gwardjani jitħallsux mill-kunsill. Is-SE wieġbet li ser tipprova tistaqsi u tivverifika minn min qed jitħallsu.

Il-Kunsill qabel li l-korrispondenza tal-individwu għandha tiġi riferita lill-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar.

### 43.10.3 WORLD CLEAN UP DAY

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Malta Clean Up Day li nformaw li s-sit propost għat-tindif kien il-masġar ta' ħdejn l-iSptar Sir Paul Boffa u talbu lill-Kunsill sabiex jipprovdilhom il-materjal għat-tindif neċessarju. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li għandu jippromwovi din l-attività fuq il-paġni soċjali tiegħu.

### 43.10.4 RIKLAM FUQ IL-GAZZETTA IL-FURJANA

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Gazzetta il-Furjana fejn informaw lill-Kunsill b'edizzjoni speċjali li kienet ser toħroġ bħala ringrazzjament lill-Monsinjur Dun Richard Borg. Huma offrew lill-Kunsill sabiex jagħti l-awguri tiegħu f'din l-edizzjoni għall-prezz ta' €186. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u laqa' l-offerta.

### 43.10.5 KORRISPONDENZA MINGĦAND GRUPP ĦIDMA SAN PUBLJU

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Grupp Ħidma San Publju fejn talbu permess lill-Kunsill sabiex itellgħu l-armar konness mal-festa fit-toroq tal-lokalita. Huma talbu wkoll biex jiġi nstallat sinjal tat-traffiku fi Triq San Tumas c/w Triq Sarria li jindika li Triq San Tumas tinsab magħluqa bl-ark. Il-Kunsill qabel.

Il-Viċi Sindku VB talab li l-Kunsill jesiġi magħhom li t-toqob tal-arbli jinstaddu malajr appena jkunu lesti minnhom. Il-Kunsill qabel li għandu jinformahom b'dan.

### 43.10.6 Riklam fuq l-edizzjoni speċjali tal-festa

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Uffiċċju Parrokkjali San Publju fejn informaw lill-Kunsill bl-edizzjoni tal-festa li kienet ser tiġi ppubblikata bl-isem ta' Ktieb ta' Storja Furjaniża u Festa. Huma offrew lill-Kunsill biex jirriklama f'din l-edizzjoni tal-festa għall-prezz ta' €326. Il-Kunsill qabel.

**<u>Nota:</u>** **<u>19:05 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.</u>**

### 43.10.7 Talba mingħand is-Sur Joe Borg

Is-Sindku DSH ressqet proposta mingħand is-Sur Joe Borg li talab li l-Kunsill jorganizza festin żgħir lill-Monsinjur Dun Richard Borg bħala ringrazzjament tas-servizz tiegħu fil-parroċċa. Il-Kunsill ma qabilx minħabba restrizzjonijiet finanzjarji. Minkejja dan, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jorganizza attività li ma tinkludix spejjeż fejn tkun tista' tingħata gratitudni lill-Monsinjur. Il-Kunsill qabel ukoll li jistieden lill-Monsinjur u lill-Arċipriet Dun Charles Cini għal Jum il-Floriana.

### 43.10.8 Qari ta' siltiet – Trevor Zahra

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Trevor Zahra li kien informa li hu kien lest jiġi fil-lokalita biex jaqra xi siltiet minn kotba. Huwa qal li tali sessjonijiet jistgħu isiru kemm filgħodu u kemm filgħaxija. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jieħu ħsieb jirreklama s-sessjonijiet fil-paġni soċjali tiegħu.

### 43.10.9 Banda fil-Floriana Day

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Vilhena fejn offrew lill-Kunsill servizz ta' banda matul Jum il-Floriana għall-prezz ta' €1400 kif ukoll reklam fl-edizzjoni tal-festa għall-prezz ta' €200.

**<u>Nota:</u>** **<u>19:12 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.</u>**
**<u>19:13 Il-Kunsillier AGS attenda għal-laqgħa.</u>**

Il-Kunsill qal li ma jiflaħx iħallas daqshekk għal servizz ta' banda.

**<u>Nota:</u>** **<u>19:15 Is-Sindku DSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.</u>**

Is-Sindku DSH qalet li kienet informata li biex jagħmlu marċ, il-banda tiġi tiswihom mal-€1400. Minkejja dan, il-Kunsill qabel li għandu jitlob lis-Soċjetà Filarmonika Vilhena sabiex tipprovdi banda li ma teċċedix l-ispiża ta' €1100. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel ir-riklam fl-edizzjoni tal-festa.

### 43.10.10 Korrispondenza mingħand Elite Events

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Elite Events fejn informaw lill-Kunsill bil-prodotti tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattjahom sabiex jara x'joffru.

### 43.10.11 Ilment – Żlieq fi Ġnien il-Mall

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'ilment rigward żlieq fi Ġnien il-Mall. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi dan l-ilment lill-Ministru José Herrera minħabba li dan il-ġnien ma kienx responsabbilta tal-Kunsill.

### 43.10.12 SKEMA GĦAL INIZJATTIVI KULTURALI

Is-Sindku DSH informat li l-Kunsill kien ingħata fondi għal tliet snin in fila dejjem jekk il-kundizzjonijiet jiġu osservati. Hija żiedet tgħid li l-fondi allokati għall-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat kienu ta' €4000 u l-fondi allokati għall-attività ta' Ġenna ta' Ġonna kienu ta' €3000. Hija qalet ukoll li dawn il-fondi kienu ingħataw taħt l-iskema għal inizjattivi kulturali.

### 43.10.13 KAŻIJIET PENDENTI MAL-LANDS DEPARTMENT

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn kienu talbu lill-Kunsill jipprovdi lista ta' każijiet pendenti li l-Kunsill għandu mal-Awtorità tal-Artijiet. Is-Sindku nformat li l-lista kienet ġiet mibgħuta u kienet tinkludi l-materja tad-Dog Park, tal-kamra li hemm ħdejn Haywharf u tal-Family Park.

### 43.10.14 TALBA GĦAL RIĊERKA MATUL L-ATTIVITAJIET

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand studenta universitarja li talbet il-permess tal-Kunsill sabiex tkun tista' tagħmel riċerka matul l-attivitajiet kulturali organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 43.11 FINANCIAL STATEMENTS 2017

43.11.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li l-Financial Statements għas-sena 2017 kienu ġew konklużi u li l-Kunsill kien għamel profitt ta' €21,697.

43.11.2. Wara mozzjoni proposta mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena 2017, u ssekondata mill-Viċi Sindku VB, ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 5 (AD, VB, DSH, AGS, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 43.12 ĦATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

43.12.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kien wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill jerġa jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel sabiex jerġa jestendi l-ħatra tas-Sra Emmanie Borg Bonaci.

## 43.13 ESTENSJONI TA' KUNTRATT TA' TELEWORK TA' IMPJEGAT TAL-KUNSILL

43.13.1. Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand impjegat tal-Kunsill li talab estensjoni tal-kuntratt tat-telework. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-kuntratt jerġa jiġi estiż.

## 43.14 JUM IT-TWELID TAL-FLORIANA

43.14.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bit-talba tas-Soċjetà tal-Istorja u Kultura. Hija qalet li xi jiem ilu, il-Kunsill kien iltaqa' ma' membru ta' din is-soċjetà.

43.14.2. Is-Sindku nformat lill-Kunsill b'korrispondenza mibgħuta mis-Soċjetà tal-Istorja u Kultura fit-13 ta' Frar 2018 fejn offrew li tiġi organizzata attività b'mod konġunt.

43.14.3. Il-membri preżenti qabblu li l-imsemmija għaqda stess tista' torganizza l-festin u li jpoġġu kuruna mal-Monument tal-Gran Mastru Vilhena: però, qabblu wkoll li l-Kunsill ikollu l-patroċinju assolut tal-attività u li ċ-ċelebrazzjonijiet isiru taħt il-kappa tal-Kunsill Lokali Floriana.

**43.15 JUM IL-FLORIANA**

43.15.1. Is-Sindku DSH qalet li hemm bżonn tiġi stabbilita data sabiex tinżamm laqgħa mal-għaqdiet lokali. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa għandha tinżamm nhar l-1 ta' Marzu 2018 fis-6.30pm. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat korrispondenza lill-għaqdiet tal-lokal kollha sabiex jinformahom b'din il-laqgħa u b'meta ser tinżamm.

**43.16 POSTERS FI TRIQ IL-MIRATUR**

43.16.1. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li fil-laqgħa li jmiss jiddiskuti l-posters li jitwaħħlu fi Triq il-Miratur fi żmien il-festa.

**43.17 IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAN-NAR TAL-ART MEKKANIZZAT**

43.17.1. Is-Sindku DSH qalet lis-Sur Noel Castillo kien informa lill-Kunsill li kienet naqset waħda mill-kmamar tan-nar parteċipanti f'din l-edizzjoni. Għalhekk in-numru ta' kmamar tan-nar parteċipanti ser jammontaw għal erbatax.

43.17.2. Is-Sindku nformat ukoll li ser jinżamm l-istess preżentatur li ppreżenta l-edizzjoni tas-sena ta' qabel.

43.17.3. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat lista tal-kmamar tan-nar li ser jipparteċipaw lill-kunsillieri.

43.17.4. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-ħsieb li jsir final fl-aħħar tal-attività. Il-Kunsill qabel mal-proposta bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€1000.

43.17.5. Is-Sindku DSH proponiet li jsir trofew ġdid li jintuża f'kull edizzjoni. Il-Kunsill qabel li jitlob kwotazzjonijiet għal dan it-trofew.

**43.18 PROĠETT TAL-ĠNIEN RE GEORGE V**

43.18.1. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill kien ġie mitlub japplika għal DNO. Hija żiedet tgħid li l-Perit tal-Kunsill kien qed jaħdem fuq dawn id-dokumenti.

43.18.2. Is-SE informat li l-Kunsill għandu appuntamenti mal-MCCA u mas-CPRD biex jiġi diskuss il-proġett u biex tingħata l-*go ahead* minn naħa tagħhom.

**43.19 DELEGAZZJONI MINN MACERATA U MINN PALERMO**

43.19.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Comune di Macerata u l-Comune di Palermo it-tnejn kienu aċċettaw l-istedina tal-Kunsill sabiex jattendu għall-attività tal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

43.19.2. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Grand Hotel Excelsior kienu offrew l-akkomodazzjoni tal-ġurija, kif ukoll tad-delegazzjoniji ta' Macerata u dik ta' Palermo b'xejn.

43.19.3. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Comune di Palermo kienu ser iġibu ġurnalist sabiex jagħmel rappurtaġġ tal-festival.

**43.20 ST PATRICK'S Day**

43.20.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li l-line-up għall-attività ta' St Patrick's Day kienet ser tikkonsisti minn Klinsmann, Fakawi u Kevin Borg.

43.20.2. Is-Sindku DSH informat li d-diskussjonijiet mal-organizzaturi preċedenti kienu sfaxxaw fix-xejn minħabba li huma xtaqu li l-attività tiġi organizzata fi Ġnien il-Mall, u dan ma kienx possibbli minħabba li l-ġnien ma kienx jaqa taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill.

43.20.3. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Corinthia Group u WM Environmental kienu taw sponsorship għal din l-attività ta' €350 u €150 rispettivament.

43.20.4. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill kien ser japplika għall-permessi tal-Pulizija fil-jiem li ġejjin. Hija qalet li jridu jiġu ordnati wkoll il-mobile toilets għal matul l-attività.

**43.21 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

43.21.1. Il-laqgħa intemmet fit-7.50pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 14 ta' Marzu fil-5.00pm.

**Konfermati, illum 18 ta' April 2018**

**IFFIRMATI**
Davina Sammut Hili
Sindku

**IFFIRMATI**
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv